

**Kif titlob**

**?**



Titlob B’ADORAZZJONI lejn Alla b’qima u rispett

Titlob B’PETIZZJONI għal xi ħaġa li tixtieq f’ħajtek

Titlob B’RINGRAZZJAMENT għal dak li Alla għamel miegħek

Titlob B’TIFĦIR quddiem il-kobor ta’ Alla, għal dak li Hu

Titlob B’INTERĊESSJONI għal xi ħadd li talbek/jew qalulek, titlob għalih/a

Titlob B’FIDI li Alla jieħu ħsiebek u jipproteġik

Titlob B’TAMA anke fejn dak li jidher quddiemek ma jagħmilx sens

Titlob B’IMĦABBA għall-ġid tal-oħrajn madwarek

Titlob B’FEDELTA` li twettaq dak li twiegħed lil Alla dwaru

Titlob B’IMPENN b’mod regolari biex tesprimi l-lejalta` tiegħek lejn Alla

Titlob B’RISPETT għal dawk kollha li jgħinuk f’ħajtek – passat u preżent

## X’għandek titlob?



Titlob QAWWA fil-mumenti ta’ decizjonijiet u diffikulatjiet

Titlob MAĦFRA għan-nuqqasijiet u d-dnubiet tiegħek

Titlob ĦNIENA għall-iżbalji tal-oħrajn u tasal biex taħfrilhom

Titlob BARKA biex bil-grazzja ta’ Alla tagħmel kollox sew

Titlob GĦERF biex tagħraf, tifhem u tara kif l-aħjar titkellem

Titlob ĦELSIEN minn kull irbit, kuntatti, u attivitajiet li m’humiex ta’ gieh quddiem Alla

Titlob UMILTA` biex tagħraf iżżomm postok u r-rispett lejn l-oħrajn

Titlob F’GĦAQDA mal-Knisja, mal-Parroċċa, mal-Grupp, mal-familja, mal-kollegi

Titlob KONVERZJONI għall-dawk inkarigati fir-respnsabbilta` tiegħek

Titlob TIĠDID f’dak it-tajjeb li qed isir fik u madwarek, biex jibqa ħaj u relevanti

Titlob DONI meħtieġa fil-missjoni afdata f’idejk